MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 756/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Spiteri)**

**Versus**

**Carmelo Apap**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmelo Apap ta’ 51 sena, iben il-mejjet Carmelo Mary nee Busuttil imwieled tal-Pieta’ fl-10 ta’ Frar 1955 u joqgħod ġewwa 39 Triq Patrick Brydone San Ġiljan u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 150955 (M)

Akkużat talli nhar it-13 ta’ Frar 2006 u fix-xhur ta’ qabel dina d-data fil-fond 39 Triq Brydone San Ġiljan

1. Qatta', kisser, waqqa', iddistruġġa, għamel ħsara, neħħa, bagħbas jew ikkonnetta ma' xi parti ta' apparat, duct, arblu cabinet, fil, cable jew oġġett jew ħaġa li jkun, li jagħmlu sehem minn jew li jintużaw jew iservu fin-network ta' cable television jew fit-tħaddim tiegħu jew għall-għoti tas-servizz ta' cable television u dan bi ksur tal-artikolu 326(1)(g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' servizz ta' cable television għad-dannu tal-kumpanija Melita Cable plc liema servizz jiswa aktar minn Lm100 u liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur u dana bi ksur tal-artikoli 261, 263, 264 u 267 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi, bena, biddel, għamel ippossjeda, biegħ jew xtara xi apparat li bih seta' kkonnettja kontra l-Liġi ma' sistema ta' telekommunikazzjoni u dana bi ksur tal-artikolu 298A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4.Kif ukoll talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi ipprovda servizz ta' telekommunikazzjoni jew stalla jew ħaddem sistema ta' istallazzjoni jew apparat tat-telekomunikazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni taħt u skond xi dispożizzjoni tal-artikolu 39(1)(a) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Kif ukoll talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi, ipprovda jew offra għall-bejgħ jew ipprovda jew installa jew uża xi stallazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma' dawk l-istandards tekniċi jew speċifikazzjoni hekk meħtieġa jew stabbiliti minn jew taħt l-Att tat-Telekomunikazzjoni u dana bi ksur tal-artikolu 39(1)(b) (recte 35(1)(c)) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Kif ukoll talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi, ikkostitwixxa, serva, immantjena, biddel jew ikkontrolla xi apparat jew stallazzjoni mingħajr ma kellu kwalifiki meħtieġa għal dan il-għan u dan bi ksur tal-artikolu 39(1)(c) (recte 35(1)(b)  tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi, uża xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijeit ipprovduti minn proveditur awtorizzat għal xi għan li ma jkunx dak li għalih ġie provdut jew naqas li josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinħarġu minn proveditur awtorizzat għall-użu sew tas-sistema tat-telekomonikazzjiet jew tagħmir jew għamel użu minnu mhux sew u dan bi ksur tal-artikolu 39(1)(a) (35(1)(d)) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. U aktar talli matul dan il-perjodu, xjenetement laqa' għandu, xtara ħwejjeġ msiruqa, meħdua b'qerq jew akkwistati b'reat jew b'kull mod ieħor indaħal sabeix imexxihom jew ibiegħhom u dana ai termini tal-artikolu 335 (recte 334(a)) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat a fol 3 li jġib in-numru 1509 tal-1955, il-fedina penali tal-imputat (fol 4), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-kunsens tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, u l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih. (Ara fol 6, 8, 15 ), l-istima tal-ammont misruq (Dok CA) liema ammont juri l-figura Lm589.30

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena

Ikkonsidrat

Li mix-xhieda tal-Ispettur Carmelo Abdilla, il-converter jiswa Lm89.67 (€208.93) u li s-servizz dak iż-żmien kien ta' Lm23.11 (€53.84) kull xahar li għalhekk l-ammont jammonta għal Lm589.30 (€1373.06) (fol 11) għalkemm meta xehed Dr Nicholas Borg, rappreżentant tal-Melita Cable, l-ammont li ssemma kien ta' 2500 Ewro. Biss dan huwa ammont circa għax is-soċjeta' tal-Melita Cable ma kenitx taf meta l-converter kien chipped. (fol 27).

Stante l-ammissjoni tal-imputat l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi.

Ingħataw żewġ ammonti dwar l-ammont ta' servizz misruq. Minħabba li s-Soċjeta' Melita Cable ma kenitx f'pożizzjoni li tgħid b'eżatezza meta l-converter kien chipped, il-Qorti tieħu l-figura l-aktar baxxa minħabba li d-dubju għandu jmru favur l-imputat.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll jekk dak li hu komunement msejjaħ serq ta' servizz g]andux jitqies bħala serq jew inkella jgħoddx l-artikolu 298A biss. Fil-fehma tal-Qorti, bid-dħul tal-artikolu 298A fis-sena 1991 (Att XII), liema artikolu jkopri r-reat 'ad hoc', huwa aktar raġonevoli li wieħed jikkonkludi li huwa la-rtikolu 298A li għandu japplika milli l-artikoli dwar is-serq. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b),u 17(h), 28A, 326(1)(g), 261(b)(ċ), 263, 267, 278(2), 298A tal-Kap 9, 35(1)(c), 35(1)(b) 35(1)(d) tal-Kap 399 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet numru 1, 3, 4, 5, 6, 7, 8 dedotti kontrih b'dan pero' li l-imputazzjonijiet 3, 4, 6, u 7 huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni dedotta kontrih. . Wara li qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' 12-il xahar li għandhom jibqgħu sospiżi għall-perjodu ta' sentejn mil-lum kemm-il darba l-imputat ma jwettaqx reat ieħor matul dan il-perjodu kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €700 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 100 Ewro kull erba'ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Il-Qorti spjegat ukoll lill-imputat il-portata tal-artikolu 28A tal-Kap 9.**

**Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-apparat li kien ippreżentat mill-Prosekuzzjoni u dan ai termini tal-artikolu 27(3) tal-Kap 399..**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------